

ATTI OĦRAJN

KUMMISSJONI

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' l-oriġini għal prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel

(2007/C 107/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SOMMARJU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**“MARIÁNSKOLÁZEŇSKÉ OPLATKY”**

Nru tal-KE: CZ/PGI/005/0407/28.10.2004

DPO () IĠP (X)

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. *Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:*

Isem: Úřad průmyslového vlastnictví
Indirizz: Antonína Čermáka 2a
CZ-160 68 Praha 6-Bubeneč
Tel.: (420) 220 38 31 11
Feks: (420) 224 32 47 18
Posta elettronika: posta@upv.cz

2. *Grupp:*

Isem: KLS KLIMENTOV, s.r.o.
Indirizz: Klimentov 133
CZ-354 71 Velká Hleďsebe
Tel.: (420) 354 62 58 81-2
Feks: (420) 354 62 27 15
Posta elettronika: kls@iol.cz

⁽¹⁾ ĠUL 93, 31.3.2006, p. 12

Isem: Opavia-LU, a.s.
Indirizz: Vinohradská 2828/151, Praha 3, Česká republika
Tel.: (420) 272 00 26 04
Feks: (420) 272 00 26 04
Posta elettronika: info@danone.com
Kompożizzjoni: Produtturi/proċessuri (X) Oħrajn ()

3. *Tip ta' Prodott:*

Klassi 2.4: Prodotti ta' l-għaġina, kejkijiet, ħelu u gallettini — wejfers

4. *Speċifikazzjoni:*

(sinteżi tar-rekwiżiti permezz ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. Isem: "Mariánskolázeňské oplatky"

4.2. *Deskrizzjoni:* L-wejfers jikkonsistu minn żewġ folji rqaq miżmuma flimkien permezz ta' saff ta' mili. Hemm distinzjoni bejn il-varjetajiet tal-ġellewża u tal-kawkaw, skond it-tip ta' mili. Dawn huma tondi u regolari fil-forma tagħhom b'tarf kemm kemm mfarrak, jinkissru b'ħoss partikolari u għandhom riżalt karatteristiku fil-forma ta' ghirlanda ta' weraq irranġati madwar iċ-ċirkonferenza. Id-disinn imqabbeż f'nofs il-wejfer ivarja skond il-prodotti individwali. Skond it-tip ta' taħlita ta' dqiġ u bajd, l-wejfers jieħdu kulur il-krema jew kannella skur. Huma jqarmċu u moħmija sew, il-mili għandu konsistenza granulari u t-togħma hija ħelwa, skond il-materji primi użati. Huma jitqiegħdu fis-suq f'pakketti fil-folji ta' l-aluminju, kaxex zġhar tal-kartun u possibilmint kija tal-plastik, f'kwantitajiet ta' 175 gramma.

Materji primi użati dqiġ tal-qamħ, zokkor, xaħam imwebbes, il-qalba tal-ġellewż, il-qamħa tal-qamħ, ix-xaħam veġetali, il-kawkaw, it-trab tal-ħalib, l-isfar tal-bajd niexef, lamtu tal-qamħ, melħ, emulsifikant tal-leċitina, togħma tal-lumi, kannella, togħma tal-ġellewż, etil tal-vanillin, togħma tal-lewż.

Ħżin f'massimu ta' 25 °C; perjodu ta' konservabilità ta' 180 jum.

4.3. *Żona ġeografika:* Iż-żona tal-muniċipalità ta' Mariánské Lázně (Marianbad) u l-muniċipalità tal-Velká Hleďsebe, which forms part of the administrative district called Mariánské Lázně.

4.4. *Prova ta' l-oriġini:* Il-monitoraġġ tal-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet (ambitu, frekwenza u rreġstrar tal-verifiki) huwa ddefinit u mwettaq mid-ditta nazzjonali akkreditata BVQI, s.r.o., Vítězné náměstí 2, Praha 6, Repubblika Ċeka, skond is-sistema approvata tal-HACCP, rregolata bl-istandards ČSN EN ISO 9001:2001 u ČSN EN ISO 1400:2005, Att Nru 316/2004 Coll. Dwar it-traċċabilità f'kull stadju tal-proċess u d-distribuzzjoni tal-produzzjoni; Issir ukoll verifika mill-Ispettorato Plzeň ta' l-Agricoltura Ċeka u l-Awtorità ta' l-Ispezzjoni Alimentari. Kull produttur iżomm reġistru tal-fornituri tal-materji primi u tax-xerrejja tal-prodotti lesti. F'konformità mal-leġiżlazzjoni, kull prodott jagħti d-dettagli tal-produttur, inkluż l-indirizz.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:* Il-produzzjoni tal-wejfers tibda bil-preparazzjoni tat-taħlita tal-bajd mat-dqiġ għall-wejfers billi jintużaw l-materji primi msemmija hawn fuq (4.2). Wara li jitħalltu, it-taħlita tal-bajd u d-dqiġ tiġi trasferita mill-mixer għall-apparat ta' forn rotanti (il-makkinarju standard li jintuża għall-produzzjoni tal-wejfers). il-folji msajra jitneħħew bl-idejn u jitqiegħdu fuq gradilja Il-gradilja huma ttrasportati f'kamra li żżomm ambjent umdu, fejn jinżammu umdi l-folji tal-wejfer frata ta' 90 % għal madwar ħamest ijiem. Imbagħad il-folja ta' taħt titraxxex b'taħlita ta' zokkor, xaħam, ġellewż u materji primi oħra (skond il-varjetà), titqiegħed it-tieni folja fuq din u it-tnejn jinħmew flimkien. Wara li jintiżnu għall-piż xieraq, il-wejfers huma ppakkjati fil-folji ta' l-aluminju, imqiegħda f'kaxex zġhar tal-kartun u mkebbba bil-magni. Wara li jiġu mmarkati bid-data ta' skadenza għall-bejgħ, il-kaxex zġhar tal-kartun jinħażnu f'kaxex kbar tal-kartun u jiġu trasferti għewwa maħżen. Minħabba li l-wejfers iqarmċu u jixorbu l-ilma faċilmint, għandhom jiġu ppakkjati direttament fil-lok tal-produzzjoni sabiex tiġi ppreżervata l-kwalità tagħhom u jistgħu jiġu ssorveljati iktar mill-qrib.

- 4.6. Rabta: L-ewwel riferimenti għall-wejfers taċ-ċentru tal-kura termali ta' Mariánské Lázně jmorru lura għas-seklu Tmintax. Bl-iżvilupp tal-kuri ta' l-ilmijiet, il-produzzjoni oriġinali tal-wejfers mill-abitanti għall-ħtiġijiet tagħhom stess kibru gradwalment sa ma saru produzzjoni ta' skala kbira għal għanijiet kummerċjali. Karl Reitenberger jista' jitqies bħala l-fundatur ta' produzzjoni industrijali, li beda fl-1856. Kważi mitt sena wara, il-varjetà ta' wejfers taċ-ċentru tal-kura termali ġew estiżi minn Josef Homolka, li ġie lura minn Vjenna bil-makkinarju avvanzat tiegħu u r-riċetti tiegħu stess għall-wejfers magħmula minn taħlita ta' bajd b-d-dqiq bit-togħma taċ-ċikkulata. Fl-imħuħ tal-konsumaturi, il-wejfers huma marbuta b'mod ċar maċ-ċentru tal-kura termali taż-żona tal-Boemja tal-Punent, li tagħha Mariánské Lázně hija fost iċ-ċentri ewlenin. Dettalji ta' ingredjenti u l-produzzjoni ntwirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra fil-furnara lokali. Fiż-żminijiet reċenti, il-varjetà tal-wejfers kien estiż mid-ditta KLS KLIMENTOV s.r.o. fl-1995.

Dokumenti storiċi huma miżmuma fl-arkivji tal-belt u l-arkivji tal-gazzetti lokali u fid-ditta Opavia-LU a.s. Bosta referenzi storiċi u attwali għall-wejfers u r-reputazzjoni tagħhom tista' tinstab fuq siti ta' l-internet differenti, eż. is-sit tal-Hamelika li tiffoka fuq l-istorja ta' Mariánské Lázně, is-sit ta' l-internet tal-produttur tal-wejfers Opavia-LU a.s., u s-sit ta' l-internet tal-belt ta' Mariánské Lázně kif ukoll fl-artikoli tal-gazzetti (Mariánskolázeňské Listy Nru 6/1994, Chebský deník tat-13.5.2006, Chebsko tal-21.12.2005). Il-mużew tal-belt ukoll fih bosta dokumenti u wirjiet dwar l-istorja tal-produzzjoni tal-wejfers fiż-żona definita.

Id-denominazzjoni "Mariánskolázeňské poplatky" iddaħlet fir-reġistru internazzjonali skond il-Ftehim ta' Liżbona fl-1967 u ġiet protetta bil-leġiżlazzjoni nazzjonali sa minn 1 ta' Frar ta' l-1974. Id-denominazzjoni "Mariánskolázeňské poplatky" ingħatat protezzjoni fl-ambitu tal-ftehimiet bilaterali ma' l-Iżvizzera, ir-Russja u l-Portugall.

- 4.7. Organu ta' spezzjoni:

Isem: Státní zemědělská a potravinářská inspekce, inspektorát v Plzni
Indirizz: Jiráskovo náměstí 8
CZ-303 85 Plzeň
Tel.: (420) 377 43 34 11
Feks: (420) 377 45 52 29
Posta elettronika: plzen@szpi.gov.cz

- 4.8. Tikkettar: Id-denominazzjoni "Mariánskolázeňské poplatky" għandha tintwera ċar fuq quddiem tal-pakkett.
-